MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Numru 452/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Bruce Xuereb**

**Illum 8 ta’ Mejju tas-sena 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Bruce Xuereb ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena iben Jesmond u Roslyn nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta’ Marzu ta’ l-1986 u residenti gewwa l-fond Blokk 6, Flat 3,

Triq il-Fosos, Floriana u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 145086(M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’April tas-sena 2009 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement ghex, ghal kollox jew f’parti minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuna ta’ taht l-eta` u cioe` ta’ Romina Grima ta’ sbatax (17)-il sena;

2. Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna ta’ taht l-eta` u cioe` ma’ l-imsemmija Romina Grima;

3. Offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Issibu hati;

Rat l-Artikoli 7(1) tal-Kap 63; l-Artikoli 204C (1), 209, u 17 (b) tal-Kap 9 u tikkundannah ghall-sentejn (2) prigunerija;

Wara li semghet lill-partijiet rigward il-piena, u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tqisx li piena karcerarja hi idonea u tawspika li l-imputat jiehu din bhala opportunita` li ma jistax jitlef biex ikun cittadin produttiv u ghaqli;

Rat ghalhekk l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u tordna s-sospensjoni tal-piena nflitta, u dan, ghall-perjodu ta’ erba` (4) snin mil-lum;

Tiddikjara li fehmet lill-imputat bl-effetti ta’ dan l-ordni ta’ sospensjoni;

Rat ukoll l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u timponi ordni ta' protezzjoni skond il-ligi fil-konfront ta' Romina Grima u l-familja taghha ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------